Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 2716/1999/1

**Sean Doublesin**

**vs**

**JBP & Co Limited u Charles A. Micallef & Co Ltd u b’digriet tas-6 ta’ April 2000 gew kjamati in kawza Martin Aquilina u Comsec Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:

Illi huwa pprovda servizzi fuq sistemi ta’ telefon lis-socjeta kovenuta;

Illi l-konvenuti huma debituri ta’ l-attur fis-somma ta’ tlett elf mija u hamsa u ghoxrin lira maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm3125.62) bhala hlas ta’ dan ix-xoghol (Dok A – T);

Illi l-konvenuti debitament interpellati sabiex ihallsu l-ammont fuq imsemmi baqghu inadempjenti;

Illi l-konvenuti m’ ghandhomx eccezzjonijiet xi jressqu u d-dejn huwa wiehed cert, likwidu u dovut u ghalhekk hemm lok li din il-kawza tigi trattata bil-procedura specjali sommarja skond l-Artikolu 167 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap 12);

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega:-

1. tordna d-dispensa mis-smiegh bil-procedura sommarja specjali skond l-Artikolu 167 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap 12); u

2. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta’ tlett elef mija u hamsa u ghoxrin lira maltija u tnejn u sittin centezmu (Lm3125.62) bhala hlas ta’ servizzi fuq sistemi ta’ telefon li ghamel l-attur;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti nkluz dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-12 ta’ Jannar 1999 u tal-protest gudizzjarju tat-3 ta’ Dicembru 1999, kontra l-konvenuti li gew ingunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjetajiet konvenuti fejn gie eccepit illi:-

Preliminarjament jigi dikjarat illi s-socjeta JBP & Co Limited m’ghadhiex tesisti billi din giet amalgamata mas-socjeta’ konvenuta l-ohra Charles A Micallef & Co. Ltd;

Illi t-talbiet ta’ l-attur ghandhom jigu respinti billi l-ammont minnu pretiz gie sodisfatt minn certu Matin Aquilina;.

Subordinatament u minghajr pregudizzju l-attur ghandu jirritorna lis-socjeta’ konvenuta l-oggetti li gew mislufa lilu in konnessjoni mas-servizzi minnu imsemmija, liema oggetti huma msemmija fil-kontro-talba;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjetajiet konvenuti debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat il-kontro-talba tas-socjeta konvenuta Charles A. Micallef & Co. Limited fejn gie premess :

Illi l-attur ipprovda servizzi fuq sistemi ta’ telefon lis-socjeta’ konvenuta Charles A Micallef & Co Ltd;

Ili s-socjeta konvenuta Charles A Micallef & Co Ltd ghaddiet lill-attur in konnessjoni ma dawn is-servizzi s-segwenti oggetti mobili:-

mobile telephone;

CD drive u modem cable ghal laptop computer;

l-oggetti imsemmija fl-invoice numru 3312 (Dok A);

l-oggetti imsemmija fl-invoice numru 5957 (Dok B);

l-oggetti imsemmija fl-invoice numru 3119 (Dok O);

l-oggetti imsemmija fl-invoice numru 4601 (Dok D);

l-oggetti imsemmija fl-invoice numru 4227 (Dok E);

Illi z-zmien meta l-attur suppost irritorna dawn l-oggetti lis-socjeta’ Charles A Micallef & Co Ltd ilu li skada;

Illi nonostante l-fatt illi gie interpellat jirritorna dawn l-oggetti l-attur naqas;

Ghalhekk is-socjeta konvenuta Charles A. Micallef & Co. Limited talbet li l-attur jghid il-ghaliex ghar-ragunijiet premessi m’ gahndux minn din il-Qorti:-

Jigi kkundannat sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss jirritorna lis-socjeta' konvenuta fi stat tajjeb l-oggetti mobili fuq imsemmija u cioe': -

mobile telephone;

CD drive u modem cable ghal laptop computer;

l-oggetti imsemmija fl-invoice numru 3312 (Dok A);

l-oggetti imsemmija fl-invoice numru 5957 (Dok B);

l-oggetti imsemmija fl-invoice numru 3119 (Dok O);

l-oggetti imsemmija fl-invoice numru 4601 (Dok D);

l-oggetti imsemmija fl-invoice numru 4227 (Dok E).

Fin-nuqqas jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' konvenuta Charles A Micallef & Co Ltd il-valur ta' kull oggett li ma jirritornax, liema valur ghandu jigi stabbilit minn din il-Qorti jekk hemm bzonn bl-opera ta' perit nominand;

Bl-ispejjez kontra l-attur li gie ngunt in subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta Charles A Micallef & Co Ltd. Debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;
Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attur ghall-kontro-talba tas-socjeta konvenuta Charles A. Micallef & Co. Limited fejn gie eccepit :-

Illi kull m' ghandu l-eccipjenti fil-pussess tieghu u li huwa propjeta tal-konvenuti huwa *mobile phone;*

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess il-konvenuti jridu jaghtu prova li l-oggetti l-ohra nghataw lill-eccipjent;

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u ghal kull buon fini ghal finijiet tal-kontro-talba ghandhom jigu kjamati fil-kawza Martin Aquilina u Comsec Ltd li ghandhom fil-pussess taghhom xi oggetti propjeta tal-konvenuti;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ngunti in subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta’ April 2000 minn fejn jirrizulta li l-attur iddikjara li, in vista tal-eccezzjonijiet tieghu ghal kontro-talba, huwa lest li jirritorna l-mobile phone in kwestjoni u dan sa zmien gimgha. Da parti taghha s-socjeta konvenuta ddikjarat li lesta li taccetta dan il-mobile phone minghajr pregudizzju;

Rat id-digriet taghha tas-6 ta’ April 2000 li bih gew kjamati fil-kawza Martin Aquilina u Comsec Limited;

Rat l-affidavits tal-attur u dak ta’ Dr. Anthony Ellul presentat mill-istess attur;

Rat l-affidavit ta’ David Demarco presentat mis-socjetajiet konvenuti;

Semghet lill-Martin Aquilina msejjah mis-socjetajiet konvenuti;

Rat li l-kawza giet differta ghas-sentenza;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attur;

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tas-socjetajiet konvenuti;

Ikkonsidrat:

Fic-citazzjoni l-attur jippremetti li huwa pprovda servizzi fuq sistemi ta’ telefon lis-socjetajiet kovenuti u li ghalhekk l-istess socjetajiet konvenuti huma debituri tieghu fis-somma ta’ tlett elf mija u hamsa u ghoxrin lira maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm3125.62) ghall-imsemmi xoghol. Ghalhekk l-attur qed jitlob li l-konvenuti jigi kundannati jhallsu l-imsemmija somma;

Da parti taghhom is-socjetajiet konvenuti qed jeccepixxu li s-socjeta konvenuta JBP & Co Limited m'ghadhiex tesisti billi din giet amalgamata mas-socjeta' konvenuta l-ohra Charles A Micallef & Co. Ltd. Inoltre qed jeccepixxu li l-ammont pretiz gie sodisfatt minn certu Matin Aquilina. Qed jeccepixxu ukoll li l-attur ghandu jirritorna lis-socjeta' konvenuta l-oggetti li gew lilu mislufa in konnessjoni mas-servizzi in kwestjoni u f'dan ir-rigward saret kontro-talba;

In effett is-socjeta konvenuta Charles A. Micallef & Co. Limited ghamlet kontro-talba fejn ammettiet li l-attur ipprovda servizzi fuq sistemi ta' telefon taghha. L-istess socjeta konvenuta ppremettiet li in konnessjoni ma dan ix-xoghol hi kkonsenjat lill-attur diversi oggetti u cioe' mobile telephone; CD drive u modem cable ghal laptop computer u l-oggetti kollha imsemmija fl-invoices numru 3312, 5957, 3119, 4601 u 4227. Tippremetti ukoll li l-attur naqas li jirritorna dawn l-oggetti u ghalhekk l-istess socjeta konvenuta Charles A. Micallef & Co. Limited qed titlob li l-attur jigi kkundannat sabiex jirritorna lis-socjeta' konvenuta fi stat tajjeb l-oggetti mobili imsemmija u fin-nuqqas jigi kundannat ihallas il-valur ta' dawk l-oggetti li ma jkunx irritorna, liema valur ghandu jigi stabbilit minn din il-Qorti;

L-attur eccepixxa li ghandu biss fil-pussess tieghu mobile phone li hu proprjeta tas-socjeta konvenuta li ghamlet il-kontro-talba. Eccepixxa ukoll li trid issir il-prova tal-oggetti l-ohra li nghataw lill-attur u li ghandhom jigu kjamati fil-kawza Martin Aquilina u Comsec Ltd li ghandhom fil-pussess taghhom xi oggetti propjeta tal-konvenuti. Fid-dikjarazzjoni tieghu l-attur ikkonferma li huwa kien gia rritorna c-CD Drive u l-cable;

Mil-verbal tas-seduta tas-6 ta' April 2000 jirrizulta li l-attur iddikjara li lest li jirritorna l-mobile phone in kwestjoni. Da parti taghha s-socjeta konvenuta ddikjarat li lesta li taccetta dan il-mobile phone minghajr pregudizzju;

Bid-digriet tas-6 ta' April 2000 gew kjamati fil-kawza Martin Aquilina u Comsec Limited u dan biss ghal-finijiet

tal-kontro-talba. L-imsemmija kjamati fil-kawza debitament notifikati naqsu li jippresentaw l-eccezzjonijiet taghhom;

Jirrizulta li llum is-socjeta’ konvenuta JBP & Co Ltd giet amalgamata mas-socjeta’ Charles A Micallef & Co Limited u ghalhekk is-socjeta konvenuta Charles A. Micallef & Co Limited ghandha titqies li hi l-unika socjeta konvenuta f’dawn il-proceduri;

L-ewwel li ser tigi trattata hi t-talba attrici. F’dan ir-rigward l-attur ikkonferma li huwa kien ipprovda servizz ta’ manutenzjoni u installazzjoni ta’ sistemi tat-telefon a favur tas-socjeta konvenuta. Huwa kkonferma ukoll li l-istess socjeta konveuta baqghet ma hallsitx ghal dawn is-servizzi u ghalhekk l-attur jippretendi li ghandu jiehu minnghand is-socjeta konvenuta is-somma ta’ tlett elef mija u hamsa u ghoxrin lira maltija u tnejn u sittin centezmu (Lm3125.62);

Xhud prodott mis-socjeta konvenuta kkonferma li mill-kotba tal-istess socjeta konvenuta dawn l-ammonti jirrizultaw dovuti lill-attur u inoltre jirrizulta li l-istess ammonti ghadhom ma thallsux. Is-socjeta konvenuta tghid li l-ammonti li qed jitlob l-attur gew sodisfatti mill-kjamat fil-kawza Martin Aquilina. L-istess xhud prodott mis-socjeta konvenuta mhux car dwar din is-sottomissjoni tas-socjeta konvenuta. Fi kwalunkwe kas l-imsemmi kjamat fil-kawza ikkonferma li huwa bl-ebda mod ma qatt hallas l-ammonti in kwestjoni lill-attur;

Fid-dawl ta’ dan kollu t-talbiet tal-attur ghandhom jigu akkolti;

L-imsemmi xhud prodott mis-socjeta konvernuta jghid ukoll li s-socjeta konvenuta ma hallsitx lill-attur peress li hi tippretendi li l-attur ghandu jghati lill-istess socjeta konvenuta ghal diversi oggetti li ha skond diversi invoices. Ix-xhud izid jghid li kien hemm ukoll printer cartridge li l-attur kien ha ghall-uzu tieghu oltre l-imsemmi mobile phone, CD drive (ta’ laptop) u modem cable (ta’ laptop). Ghalhekk saret il-kontro-talba;

F’dan ir-rigward ghandu jinghad mill-ewwel li ma irrizultax sufficjentement pruvat li dawn l-oggetti kollha hadhom jew gew konsenjati lill-attur. Lanqas ma jirrizulta li l-istess oggetti huma fil-pussess tal-kjamati fil-kawza jew haduhom l-istess kjamati fil-kawza. Ovvjament, ghar-rigward tal-attur, dan qed jinghad bl-eccezzjoni tal-mobile phone li l-attur jammetti li gie konsenjat lilu ms-socjeta konvenuta;

In effett jirrizulta li l-attur kien jiehu xoghol minnghand is-socjeta konvenuta u da parti tieghu l-attur kien jghaddi dan ix-xoghol lill-kjamat fil-kawza Martin Aquilina u s-socjeta tieghu Comsec Limited bhala sub contractors. L-attur effettivament kien sub-contractor tas-socjeta JBP & Co Limited li fiz-zmien kienet titmexxa mill-istess kjamat fil-kawza Martin Aquilina. Jirrizulta ghalhekk li l-attur kien jistalla sistemi tat-telephone f’isem l-imsemmija socjeta JBP. L-attur kien jiehu l-materjal kollu relattiv ghax-xoghol li jkun ser jghamel minnghand l-istess socjeta JBP. Ghal dan il-materjal il-JBP kienet tohrog invoice f’isem l-attur;

F’hin minnhom il-kjamat fil-kawza Aquilina telaq mill-impieg ma JBP u fetah negozju ghar-rasu tramite s-socjeta kummercjali Comsec Limited. L-imsemmi kjamat fil-kawza beda jopera ta’ agent ta’ ditta barranija li originarjament kienet rappresentata hawn Malta mis-socjeta konvenuta. Hu ovvju, u mill-provi jirrizulta ukoll, li l-istess socjeta JBP ma kinitx wisq kuntenta b’din is-situazzjoni iktar u iktar meta saru jafu li l-attur kien qed jghaddi x-xoghol taghha lill-istess kjamat fil-kawza Aquilina. Lanqas ma jista jigi eskluz li dawn il-fatti in effett ipprecipitaw dawn il-proceduri;

Jirrizulta li kull meta kien jittiehed xi materjal mis-socjeta JBP minn jkun qed jiehu l-materjal kien jiffirma ghalih. F’dawn il-proceduri s-socjeta konvenuta naqset li tipproduci invoices jew delivery notes debitament iffirmati mill-attur jew millkjamati fil-kawza;

Effettivament l-attur ikkonferma li bl-eccezzjoni tal-mobile phone huwa m’gahndux ghandu oggetti ohra tas-socjerta konvenuta. Effettivament ukoll il-kjamat fil-kawza

ikkonferma li huwa m'ghandux ghandu oggetti li jappartjenu lis-socjeta konvenuta;

In vista ta dan kollu l-kontro-talba tas-socjeta konvenuta ghandha tigi akkolta biss fil-konfront tal-attur u relattivament ghal mobile phone li arbitrio boni viri qed jigi likwidat li jiswa hamsin liri maltin (Lm50);

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tiddeciedi dwar it-talbiet attrici billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' tlett elef mija u hamsa u ghoxrin lira maltija u tnejn u sittin centezmu (Lm3125.62) bhala hlas ta' servizzi fuq sistemi ta' telefon li ghamel l-attur u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni lis-socjeta konvenuta sad-data tal-effettiv pagament;

Tiddeciedi dwar il-kontro-talba billi tilqa t-talbiet tas-socjeta pero' limitatament ghal mobile telephone u ghalhekk tikkundanna lill-attur sabiex fi zmien xahar millum jirritorna lis-socjeta' konvenuta fi stat tajjeb il-mobile telephone u fin-nuqqas tikkundanna lil-attur ihallas lis-socjeta' konvenuta hamsin lira flus maltin (Lm50) cioe' l-valur tal-imsemmi oggett;

Tillibera l-kjamati fil-kawza mill-osservanza tal-gudizzju;

Spejjez kollha ta dawn il-proceduri jithallsu kwantu ghal disa partijiet minn ghaxra (9/10) mis-socjeta konvenuta u r-rimanenti parti wahda minn ghaxra (1/10) mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------